# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' OTTUBRU 2001

**Avviz Nru 668/98DM**

**Socjeta Kummercjali Maltacom plc (Sezzjoni Arretrati)**

**Vs**

**Yves Cali bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta ABT Designs Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut noe sabiex jhallas is-somma ta' mija u disgha u tletin lira u sitta u sebghin centezmu (Lm156.07) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 221828

(skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 5/5, Publius Street, Floriana u dana skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru, 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta konvenuta qatt ma kienet applikat ghal servizz telefoniku bin-numru indikat fit-talbiet attrici u kwindi l-ammont in kwistjoni mhuwiex dovut mis-socjeta konvenuta.
2 Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-Socjeta attrici pprezentata 30 t'April 1999

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta il-‘quantum’ dovut ghall-kjamati u servizzi elenkati fid-Dokument B a fol. 15 tal-process izda qed isosttnu li tali kont mhux dovut mill-kumpanija konvenuta li qatt ma applikat ghal tali servizz.

Il-kuntratt tat-22 ta Settembru 1995 kien gie ffirmat minn certu Anthony John Dyson ghall-kumpanija konvenuta u anke f’isem Rudolf Ragonesi.

L-istess Rudolf Ragonesi kien iddikjara li kien Chairman u Manager tal-kumpanija f’dak iz-zmien u li kien qed jawtorizza lill Dyson japplika f’isem il-kumpanija ghas-servizz telefoniku fil-fond tal-Floriana ghalkemm l-ufficju principali tal-kumpanija kien San Giljan.

Inoltre l-istess Yves Cali’, il-konvenut nomine, jikkonferma li Anthony John Dyson kien id-direttur ta qablu tal-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant issib li l-kuntratt tat-22 ta Settembru 1995 a fol. 3 kien effettivament validament jorbot lill-kumpanija konvenuta li ghalhekk trid tghamel tajjeb ghall-kontijiet relattivi ghall-uzu tas-servizz ipprovdut a bazi tal-istess kuntratt.

Ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna l-konvenut nomine sabiex jhallas is-somma ta’ mija u sitta u hamsin lira Maltin  u seba’ centezmi (Lm156.07) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 221828 (skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement’  Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 5/5, Publius Street, Floriana u dana skond ma kif jidher mill-anness ‘service agreement’ Dok B; oltre l-imghax legali b’effett mill-15 ta April 1998.

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija konvenuta.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep.Reg. Civil 26